KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fit-28 ta' Frar 2013 [1]

Kawża C-542/11Staatssecretaris van Financiën vs

Codirex Expeditie BV

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi)]

"Kodiċi Doganali tal-Komunità — Regolament (KEE) Nru 2913/92 — Artikolu 50 — Merkanzija f'ħażna temporanja — Merkanzija mhux Komunitarja — Proċedura doganali tat-tranżitu Komunitarju estern — Mument tal-attribuzzjoni tat-trattament jew tal-użu approvat mid-dwana — Artikoli 63 u 67 — Aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali — Artikolu 73 — Ħelsien tal-merkanzija — Artikolu 203 — Dejn doganali"

I – Introduzzjoni

1. Żewġ pakketti neqsin tal-laħam, din hija l-oriġini ta' din il-kawża. Fil-fatti tal-kawża prinċipali, lot tal-laħam taċ-ċanga ffriżat ġie ttrasportat bil-vapur, f'kontejner, mill-Brażil lejn il-Pajjiżi l-Baxxi. Waqt it-tneħħija tas-siġilli li kienu twaħħlu mill-awtoritajiet doganali fil-port ta' Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) qabel l-għoti tal-ħelsien tal-merkanzija, id-destinatarju tagħha sab biss 1667 pakkett fost l-1669 imsemmija fid-dikjarazzjoni doganali.

2. Id-domanda preliminari preżenti tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 50 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2] (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali"). Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn is-Staatssecretaris van Financiën (Segretarjat tal-Istat għall-Finanzi, iktar 'il quddiem is-"Staatssecretaris") u Codirex Expeditie BV (iktar 'il quddiem "Codirex"), fir-rigward ta' avviż ta' tassazzjoni li jirrigwarda l-ħlas ta' dazji doganali u tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT").

3. Il-Hoge Raad der Nederlanden (Qorti suprema) (il-Pajjiżi l-Baxxi) tixtieq tkun taf essenzjalment f'liema mument merkanzija mhux Komunitarja, li għandha l-istatus ta' merkanzija f'ħażna temporanja, u li tkun ġiet iddikjarata bl-għan li titqiegħed taħt il-proċedura doganali tat-tranżitu Komunitarju estern, tikseb trattament jew użu approvat mid-dwana fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Doganali. F'dan ir-rigward, il-qorti *a quo* tipprevedi żewġ mumenti differenti: kemm meta tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni (skont l-Artikolu 63 tal-imsemmi kodiċi), kif ukoll meta, wara l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni, jingħata l-ħelsien (skont l-Artikolu 73 tal-imsemmi kodiċi).

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307 – Regolament kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 352M p. 629).

4. Infakkar illi, fil-kawża li tat lok għas-sentenza D. Wandel, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà twasslet biex teżamina kwistjoni analoga, fir-rigward ta' każ li fih il-merkanzija mhux Komunitarja kienet ġiet iddikjarata bl-għan li titqiegħed f'moviment liberu [3]. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet illi l-mument deċiżiv kien dak tal-ħelsien [4].

II – Il-kuntest ġuridiku

5. Il-punti 15, 16 u 20 tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi Doganali jipprovdu:

"Għall-iskopijiet ta' dan il-Kodiċi, huma applikabbli definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

15) 'Trattament jew użu ta' merkanzija bl-approvazzjoni doganali' tfisser:

a) it-tqegħid ta' merkanzija taħt proċedura doganali;

[…]

16) 'Proċedura doganali' tfisser:

a) ħelsien għal ċirkolazzjoni libera;

b) transitu;

[…]

20) 'Ħelsien ta' merkanzija' tfisser l-att li bih l-awtoritajiet doganali jagħmlu merkanzija disponibbli għall-iskopijiet stipulati mill-proċedura doganali li taħtha tkun tpoġġiet."

6. Skont l-Artikolu 37 ta' dan il-kodiċi, il-merkanzija introdotta fit-territorju doganali tal-Komunità Ewropea hija, minn din l-introduzzjoni 'l quddiem, suġġetti għas-sorveljanza doganali. Din tista' tkun fil-mira ta' kontrolli doganali u tibqa' taħt din is-sorveljanza sakemm dan ikun meħtieġ biex jiġi ddeterminat l-istatus tagħha.

7. Skont l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Doganali, "[m]erkanzija mhux tal-Komunità preżentata lid-dwana għandha tkun assenjata trattament jew użu approvat mid-dwana awtorizzat għal dik il-merkanzija mhux tal-Komunità".

8. L-Artikolu 50 ta' dan il-kodiċi huwa redatt kif ġej:

"Sakemm tkun assenjata trattament jew użu approvat mid-dwana, merkanzija preżentata lid-dwana għandha, wara dik il-preżentazzjoni, ikollha l-istatus ta' merkanzija f'ħażna temporanja. Dik il-merkanzija ser tkun deskritta aktar 'l isfel bħala "merkanzija f'ħażna temporanja."

3 — C-66/99, Ġabra p. I-873.

4 — Infakkar, barra minn hekk, illi s-sentenzi reċenti tas-6 ta' Settembru 2012, Döhler Neuenkirchen (C-262/10) u Eurogate Distribution (C-28/11) — kawżi li fihom ippreżentajt il-konklużjonijiet tiegħi fit-8 ta' Marzu 2012 — li jikkonċernaw il-fażi segwenti, jiġifieri meta l-merkanzija *diġà rċeviet* trattament jew użu approvat mid-dwana u jqumu l-irregolaritajiet matul din il-fażi. F'din l-ipotesi, id-debitur huwa l-persuna marbuta li teżegwixxi l-obbligi li jġib miegħu l-użu tal-proċedura doganali inkwistjoni (proċedura tal-ipproċessar attiv f'Döhler Neuenkirchen u l-proċedura tal-ħażna doganali f'Eurogate Distribution).

9. L-Artikolu 59(1) tal-Kodiċi Doganali jiddisponi kif ġej:

“1. Il-merkanzija kollha maħsuba biex titqiegħed taħt proċedura doganali għandha tkun koperta b’dikjarazzjoni għal dik il-proċedura doganali.”

10. Skont l-Artikolu 63 tal-imsemmi kodiċi:

“Dikjarazzjonijiet li josservaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 62 għandhom jiġu aċċettati immedjatament mill-awtoritajiet doganali, sakemm il-merkanzija li għaliha jirreferu jiġu preżentati lid-dwana.”

11. L-Artikolu 67 tal-imsemmi kodiċi jipprovdi:

“Ħlief fejn espressament ipprovdut mod ieħor, id-data li għandha tintuża għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet kollha li jirregolaw il-proċeduri doganali li għalihom il-merkanzija tkun dikjarata għandha tkun id-data ta’ l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet doganali.”

12. Skont l-Artikolu 73(1) tal-Kodiċi Doganali:

“1. Mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 74, meta l-kondizzjonijiet biex titqiegħed il-merkanzija taħt il-proċedura konċernata jiġu sodisfatti u sakemm il-merkanzija ma tkunx soġġetta għal xi miżuri projbittivi jew restrittivi, l-awtoritajiet doganali għandhom jeħilsu l-merkanzija hekk kif id-dettalji fid-dikjarazzjoni jkunu ġew verifikati jew aċċettati mingħajr verfika. L-istess għandu japplika meta tali verifika ma tistax titlesta f’perjodu ta’ żmien raġonevoli u l-merkanzija ma tkunx meħtieġa aktar li tkun preżenti għall-iskopijiet tal-verifika.”

13. Skont l-Artikolu 74 tal-imsemmi kodiċi:

“1. Fejn l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali toħloq dejn doganali, il-merkanzija koperta bid-dikjarazzjoni m’għandhiex tinħeles ħlief meta d-dejn doganali jkun ġie mħallas jew garantit. Madankollu, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, din id-dispożizzjoni m’għandhiex tapplika għall-proċedura ta’ importazzjoni temporanja b’eżenzjoni parzjali mid-dazji fuq l-importazzjoni.

2. Fejn, skond id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura doganali li għaliha l-merkanzija tkun ġiet dikjarata, l-awtoritajiet doganali jitolbu li tingħata garanzija, l-imsemmija merkanzija ma tinħelisx għall-proċedura doganali konċernata sakemm dik il-garanzija tiġi provduta.”

14. L-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali jipprovdi kif ġej:

“1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:

— tat-tneħħija kontra l-liġi mis-sorveljanza doganali ta’ merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni.

2. Id-dejn doganali għandu jiġi inkors fil-mument meta l-merkanziji jitneħħew minn taħt is-sorveljanza doganali.

3. Id-debituri għandhom ikunu:

— il-persuna li tkun neħħiet il-merkanziji minn taħt is-sorveljanza doganali,

— kull persuna li tkun ipparteċipat f’dik it-tneħħija u li kienet taf jew raġonevolment kellha tkun taf li l-merkanziji kienu qed jitneħħew minn taħt is-sorveljanza doganali,

— kull persuna li akkwistat jew żammet il-merkanziji [k]konċernati u li kienet taf jew raġonevolment kellha tkun taf fil-ħin li akkwistat jew irċeviet il-merkanziji li kienu tneħħew minn taħt is-sorveljanza doganali

kif ukoll

— fejn ikun xieraq, il-persuna li tkun meħtieġa li tissodisfa l-obbligazzjonijiet li jinqalgħu mill-ħażna temporanja tal-merkanziji jew mill-użu tal-proċedura doganali li taħtha kienu tqiegħdu dawk il-merkanziji."

III – Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

15. Lot ta' laħam taċ-ċanga ffriżat, li ġie ttrasportat bil-vapur f'kontejner, mill-Brażil lejn il-Pajjiżi l-Baxxi, tniżżel fil-port ta' Rotterdam minn Seaport International. Din tal-aħħar iddepożitatu fuq is-sit tagħha sakemm kienet qed tistenna li tinħareġ l-approvazzjoni doganali għat-trattament jew għall-użu tal-merkanzija li kien fih.

16. Waqt illi l-kontejner kien jinsab fuq is-sit tat-terminal ta' Seaport International, Codirex, li kienet qed taġixxi bħala d-dikjarant, fis-6 ta' Novembru 2007, għamlet dikjarazzjoni doganali elettronika, bl-għan li tpoġġi l-imsemmi lot taħt il-proċedura doganali tat-tranżitu Komunitarju estern. L-uffiċċju tad-dwana ta' Rotterdam Seaport aċċetta din id-dikjarazzjoni immedjatament. F'dan il-mument, il-kontejner imsemmi fid-dikjarazzjoni kien jinsab fl-imsemmi terminal tal-kontejners ta' Seaport International. Fil-mument tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu msemmija iktar 'il fuq, il-merkanzija kellha l-istatus ta' ħażna temporanja fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Doganali.

17. L-għada filgħodu, fis-7 ta' Novembru 2007, l-awtoritajiet doganali ħelsu l-merkanzija, immedjatament wara li ssiġillaw il-kontenjer. Dakinhar stess, dan tal-aħħar ġie ttrasportat bit-triq lid-destinatarju tal-laħam taċ-ċanga, jiġifieri Eurofrigo BV (iktar 'il quddiem "Eurofrigo"), fiż-żona industrijali ta' Maasvlakte (il-Pajjiżi l-Baxxi), li kellu awtorizzazzjoni ta' destinatarju approvat[5]. Mal-wasla tal-kontejner, Eurofrigo ddikjarat illi s-siġilli kienu għadhom intatti. Wara li neħħiethom, indikat illi kien hemm żewġ pakketti tal-laħam taċ-ċanga neqsin, meta mqabbel ma' dak illi kellu jkun hemm skont id-dikjarazzjoni tad-dwana. Skont Eurofrigo, il-kontejner ma kien jidher li kien fih l-ebda traċċa ta' ksur.

18. Peress illi l-awtoritajiet tal-uffiċċju tad-dwana ta' Rotterdam Seaport ma kienu rċevew ebda konferma tal-wasla tal-merkanzija għand Eurofrigo, huma wettqet investigazzjoni u fit-tmiem tagħha pproċedew biex jindirizzaw lil Codirex, fit-3 ta' Lulju 2008, avviż ta' tassazzjoni għall-ħlas tad-dazji doganali u tal-VAT.

19. Codirex ikkontestat l-imsemmi avviż ta' tassazzjoni quddiem ir-Rechtbank te Haarlem (Tribunal tal-arrondissement ta' Haarlem).

5 — Ara l-Artikolu 406 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3).

20. L-għan tat-tilwima quddiem ir-Rechtbank te Haarlem kien dak li jiġi ddeterminat jekk Codirex, bħala d-dikjarant għall-finijiet tat-tpoġġija taħt il-proċedura doganali tat-tranżitu Komunitarju estern, setgħetx titqies bħala responsabbli għal telf[6], li kien hemm lok li jiġi preżunt li seħħ bejn il-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni fid-dwana u dak meta twaħħlu s-siġilli fuq il-kontejner, eżattament qabel l-għoti tal-ħelsien għat-tranżitu tal-merkanzija. Matul il-proċedura fil-kawża prinċipali, ma ġiex sostnut illi l-pakketti neqsin intilfu waqt li kien qed jiġi ttrasportat il-kontejner issiġillat mis-sit ta' Seaport International lejn l-istabbiliment ta' Eurofrigo.

21. Ir-Rechtbank te Haarlem iddeċieda li l-merkanzija mhux Komunitarja introdotta fit-territorju doganali, ippreżentata fid-dwana u ddikjarata bl-għan li titqiegħed taħt il-proċedura doganali tat-tranżitu Komunitarju estern, tikkonserva l-istatus ta' merkanzija f'ħażna temporanja sal-mument meta l-awtoritajiet doganali jagħtu l-ħelsien.

22. Ir-Rechtbank te Haarlem iddeċieda, sussegwentement, illi bejn il-perijodu tal-ħażna temporanja u l-mument meta l-awtoritajiet doganali taw il-ħelsien tal-merkanzija għat-tranżitu, Codirex ma setgħetx titqies bħala d-debitriċi fis-sens tar-raba' inċiż tal-Artikolu 203(3) tal-Kodiċi Doganali. Huwa bbaża din il-konklużjoni fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Settembru 2005, United Antwerp Maritime Agencies[7], u qies illi matul dan il-perijodu, Codirex ma setgħetx fiżikament tiddisponi mill-merkanzija u kienet wisq 'il bogħod biex tkun tista' ċċaqlaqhom jew tpoġġihom f'ħażna.

23. L-iStaatssecretaris ippreżenta rikors ta' kassazzjoni quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden kontra din id-deċiżjoni tar-Rechtbank te Haarlem.

24. F'dan il-kuntest, il-Hoge Raad der Nederlanden iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"F'liema mument il-merkanzija mhux Komunitarja tiġi assenjata trattament jew użu approvat mid-dwana skont is-sens tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità fil-każ ta' merkanzija li jkollha status ta' "ħażna temporanja" li tiġi ddikjarata sabiex titqiegħed taħt is-sistema [proċedura] doganali tat-tranżitu Komunitarju estern?"

25. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvernijiet Olandiżi u Griegi, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea, li nstemgħu wkoll waqt it-trattazzjoni fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2012.

IV – L-analiżi

A – *Proposti preliminari*

26. Skont l-Artikolu 50 tal-Kodiċi Doganali, il-merkanzija ppreżentata fid-dwana tikkonserva l-istatus ta' merkanzija f'ħażna temporanja sal-mument sakemm din tiġi assenjata trattament jew użu approvat mid-dwana. Bi trattament jew użu ta' merkanzija approvat mid-dwana, hemm lok li jinftiehem, b'mod partikolari, it-tpoġġija tal-merkanzija taħt proċedura doganali, bħalma hija dik, fil-kawża preżenti, tal-proċedura tat-tranżitu Komunitarju estern. Skont l-Artikolu 59(1) tal-Kodiċi Doganali, il-merkanzija kollha maħsuba biex titqiegħed taħt proċedura doganali għandha tkun koperta b'dikjarazzjoni għal dik il-proċedura doganali.

6 — L-użu ta' dan it-terminu ("telf") bl-ebda mod ma jippreġudika dak li effettivament ġara minn dawn iż-żewġ pakketti, li mhux magħruf, mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju.

7 — C-140/04, Ġabra p. I-8245, punti 35 sa 39.

27. Skont il-qorti tar-rinviju, huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat bi preċiżjoni il-mument, imsemmi fl-Artikolu 50 tal-Kodiċi Doganali, li fih il-merkanzija f'ħażna temporanja tikseb it-trattament jew l-użu approvat mid-dwana u b'hekk titlef l-istatus ta' merkanzija f'ħażna temporanja.

28. Irid jingħad fl-ewwel lok illi l-fajl ma jippermettix li jiġi ddeterminat jekk iż-żewġ pakketti inkwistjoni kinux, fil-fatt, fil-kontejner meta dan wasal fil-port ta' Rotterdam. Din iċ-ċirkustanza, li dwarha huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tiddeċiedi ruħha, għandha konsegwenzi prattiċi importanti.

29. Fil-fatt, il-merkanzija ma setgħetx titneħħa minn taħt is-sorveljanza doganali ħlief jekk id-dikjarazzjoni ta' Codirex kienet konformi mar-realtà.

30. Jekk iż-żewġ pakketti kienu preżenti fil-kontejner fil-mument tad-dikjarazzjoni u din għalhekk kienet tikkorrispondi mar-realtà, dawn għebu meta l-merkanzija kienet taħt is-sorveljanza doganali. F'tali każ, il-merkanzija inkwistjoni hija suġġetta għad-dazji tad-dwana skont l-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali, bid-debitur ikun Codirex jew terz.

31. Jekk, min-naħa l-oħra, iż-żewġ pakketti neqsin qatt ma waslu Rotterdam, id-dikjarazzjoni kienet materjalment ineżatta [8]. F'dan il-każ, il-kwistjoni tkun tirrigwarda merkanzija ineżistenti, li ma setgħetx kienet suġġetta għas-sorveljanza doganali, b'mod illi ma jista' jkun hemm l-ebda dejn doganali dovut fir-rigward tagħhom [9].

32. Dan premess, id-deċiżjoni tar-rinviju tpoġġi l-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-ewwel ipoteżi. L-Imħallef *a quo* jixtieq jistabbilixxi, essenzjalment, min huwa d-debitur tad-dejn doganali fil-kawża prinċipali. Biex tingħata risposta għal dan, l-Imħallef *a quo* għandu jkun jista' jistabbilixxi jekk il-merkanzija mitlufa tneħħitx minn taħt is-sorveljanza doganali meta din kienet tpoġġiet taħt l-istatus ta' ħażna temporanja jew taħt il-proċedura tat-tranżitu Komunitarju estern. Konsegwentement, qed jistaqsi dwar il-mument preċiż li fih tintemm il-ħażna temporanja u tibda l-proċedura tat-tranżitu.

33. Mill-Artikolu 203(1) tal-Kodiċi Doganali jirriżulta li meta l-merkanzija li tkun suġġetta għad-dazji doganali, titneħħa minn taħt is-sorveljanza doganali, jinħoloq, f'dan il-mument, dazju doganali fuq l-importazzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza United Antwerp Maritime Agencies u Seaport Terminals, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28). Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tneħħija minn taħt is-sorveljanza doganali tinkludi kull att jew kull omissjoni li jkollhom bħala riżultat li jwaqqfu, anke jekk biss temporanjament, lill-awtorità doganali kompetenti milli jkollha aċċess għall-merkanzija taħt is-sorveljanza doganali u li teżegwixxi l-kontrolli previsti fl-Artikolu 37(1) tal-Kodiċi Doganali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza United Antwerp Maritime Agencies u Seaport Terminals, iċċitat iktar 'il fuq, punt 28).

34. Anki jekk jiġi preżunt illi l-merkanzija ntilfet meta *kellha l-istatus ta' merkanzija f'ħażna temporanja*, Codirex ma tkunx id-debitriċi tad-dazju doganali peress li ma kinitx il-persuna li kellha teżegwixxi l-obbligi li ġġib magħha l-ħażna temporanja tal-merkanzija fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikoli 203(3) tal-Kodiċi Doganali [10], u bir-riżerva tal-applikazzjoni tal-każijiet ta' responsabbiltà previsti fl-ewwel sat-tielet inċiż tal-Artikolu 203(3) tal-istess kodiċi.

8 — Ninnota li l-Avukat Ġenerali, quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden, kien ippropona lill-qorti tar-rinviju, fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Settembru 2010, ir-rinviju tal-kawża quddiem il-qorti tal-ewwel istanza biex jiġu ċċarati il-kwistjonijiet fattwali. Għandu jingħad ukoll illi ma jidhirlix li huwa ġust li jiġi ammess illi r-responsabbiltà tad-dazju doganali li tirriżulta minn żbalji li jaffettwaw id-dikjarazzjoni, tkun esklużivament tal-operatur tal-port li ħatt l-merkanzija suġġetta għall-proċedura tal-"ħażna temporanja".

9 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, DSV Road (C-234/09, Ġabra p. I-7333, punt 23).

10 — Ara s-sentenza United Antwerp Maritime Agencies u Seaport Terminals, iċċitata iktar 'il fuq (punti 38 u 39).

35. Jekk, min-naħa l-oħra, din il-merkanzija ntilfet meta kienet *diġà mpoġġija taħt il-proċedura tat-tranżitu Komunitarju estern*, Codirex, bħala l-persuna prinċipali li ntrabtet bl-obbligu, tkun id-debitriċi tad-dejn doganali peress illi tkun il-persuna li kellha teżegwixxi l-obbligi li jġib miegħu l-użu tal-proċedura doganali li taħtha tpoġġiet il-merkanzija fis-sens tar-raba' inċiż tal-Artikolu 203(3) tal-Kodiċi Doganali.

36. F'dan ir-rigward, hemm lok li jingħad illi l-Kodiċi Doganali ma jiddefinixxix bi preċiżjoni l-mument li fih tintemm il-ħażna temporanja, u dak meta tibda l-proċedura tat-tranżitu Komunitarju estern [11].

37. Ġew esposti żewġ teżijiet dwar dan il-punt fil-kuntest tal-kawża preżenti.

38. Skont l-ewwel teżi, sostnuta mill-iStaatssecretaris quddiem il-qorti tar-rinviju, kif ukoll mill-Gvern Olandiż u dak Grieg quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħażna temporanja tispiċċa fil-mument meta d-*dikjarazzjoni doganali*, bl-għan tat-tpoġġija tal-merkanzija taħt proċedura doganali, fis-sens tal-Artikolu 59 tal-Kodiċi Doganali, *ġiet aċċettata*. Huma qed jibbażaw ruħhom, f'dan ir-rigward, fuq l-Artikolu 67 tal-Kodiċi Doganali, li jipprovdi li d-data li għandha tiġi kkunsidrata għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha li jirregolaw il-proċedura doganali li għaliha l-merkanzija ġiet iddikjarata, hija d-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet doganali.

39. Skont it-tieni teżi, li tidher li hija ffavorita mill-qorti tar-rinviju u li ġiet difiża quddiemha minn Codirex, kif ukoll mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħażna temporanja tispiċċa meta l-awtoritajiet doganali *jagħtu l-ħelsien* tal-merkanzija inkwistjoni. Biex isostnu din il-pożizzjoni, dawn il-partijiet jirreferu għall-Artikoli 73 u 74(2) tal-Kodiċi Doganali u jisħqu li l-għoti tal-ħelsien ma jistax isir qabel ma jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet tat-tpoġġija tal-merkanzija taħt il-proċedura kkonċernata. Fl-opinjoni tagħhom, ma jistax jitqies li l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ġġib magħha t-tmiem tal-istatus tal-ħażna temporanja, meta l-kundizzjonijiet meħtieġa għat-tpoġġija taħt proċedura doganali partikolari għadhom ma ġewx sodisfatti. B'mod partikolari, fil-każ tal-proċedura tat-tranżitu Komunitarju estern li tirrikjedi l-kostituzzjoni tal-garanzija, il-ħelsien ma jistax jingħata qabel ma tiġi kkostitwita din il-garanzija. Sal-mument meta l-awtoritajiet doganali jagħtu l-ħelsien, huma d-dispożizzjonijiet u r-regoli ta' responsabbiltà li jirriżultaw mill-ħażna temporanja preċedenti tal-merkanzija li jibqgħu japplikaw.

40. Huwa meħtieġ għalhekk li jiġu analizzati suċċessivament dawn iż-żewġ possibbiltajiet.

B – *Dwar l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali*

41. Naqbel mal-interpretazzjoni proposta mill-Kummissjoni li l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali ma għandhiex l-effett li tpoġġi l-merkanzija taħt il-proċedura doganali mitluba. Il-merkanzija tibqa' f'ħażna temporanja wara l-imsemmija aċċettazzjoni.

42. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret reċentement, illi d-dikjarazzjoni doganali tikkonsisti, kif jirriżulta mill-punt 17 tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi Doganali, fl-att li permezz tiegħu d-dikjarant jimmanifesta, skont il-forom u l-modalitajiet preskritti, il-volontà li tiġi ssuġġettata l-merkanzija għal proċedura doganali partikolari [12].

11 — Min-naħa l-oħra, għandu jiġi nnotat li l-kundizzjonijiet li fihom tintemm il-proċedura tat-tranżitu estern, huma ppreċiżati fl-Artikolu 92 tal-Kodiċi Doganali.

12 — Ara s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, DP grup (C-138/10, Ġabra p. I-8369, punt 35).

43. Skont l-Artikolu 63 tal-Kodiċi Doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom l-obbligu li jaċċettaw immedjatament id-dikjarazzjonijiet doganali, u, skont l-Artikolu 67 ta' dan il-kodiċi, id-data li trid titqies għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha li jirregolaw il-proċedura doganali li għaliha l-merkanzija tkun ġiet ddikjarata, hija d-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet doganali.

44. Il-Kummissjoni ġustament tfakkar illi wara li tkun aċċettat id-dikjarazzjoni, l-awtoritajiet doganali jistgħu, skont l-Artikolu 68 tal-Kodiċi Doganali, jipproċedu għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet aċċettati minnhom stess [13].

45. L-eżistenza ta' din il-possibbiltà ta' verifika tfisser illi l-aċċettazzjoni formali tad-dikjarazzjoni tista' tkun segwita mill-adozzjoni ta' miżuri bħalma huma dawk previsti fl-Artikoli 71 u 72 tal-Kodiċi Doganali, biex tkun iggarantita l-applikazzjoni koretta tad-dispożizzjonijiet tal-proċedura doganali li taħtha tkun ser titqiegħed il-merkanzija.

46. Fil-kawża preżenti, iż-żmien illi għadda bejn l-aċċettazzjoni u l-ħelsien intuża wkoll sabiex jiġi ssiġillat il-kontejner sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 72 tal-Kodiċi Doganali għall-finijiet tat-tranżitu Komunitarju estern.

47. Peress illi l-verifika tad-dikjarazzjoni tista' sseħħ, skont l-Artikolu 68 tal-Kodiċi Doganali, *anke wara l-aċċettazzjoni ta' din tal-aħħar*, il-merkanzija għandha tibqa' taħt is-sorveljanza doganali. Sakemm il-merkanzija tkun f'ħażna temporanja, din is-sorveljanza hija żgurata indipendentement mill-proċedura doganali applikata sussegwentement.

48. Għandu jitfakkar illi, fis-sentenza D. Wandel [14], il-Qorti tal-Ġustizzja diġà indikat illi l-merkanzija maħsuba li titqiegħed f'ċirkolazzjoni libera tibqa' f'ħażna temporanja sal-għoti tal-ħelsien. Konsegwentement, id-dazju doganali jkun dovut, skont l-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali, jekk il-merkanzija tgħib bejn il-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali u l-mument tal-għoti tal-ħelsien.

49. Ma hemmx lok li tiġi adottata soluzzjoni differenti għall-proċeduri doganali l-oħra, għalkemm l-imsemmija proċeduri jiddistingwu ruħhom mill-ħelsien mogħti bl-għan tat-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera, inkwantu jipprevedu li l-merkanzija tinżamm taħt is-sorveljanza doganali wara l-għoti tal-ħelsien, bħal fil-każ tat-tranżitu Komunitarju estern.

C – *Dwar il-ħelsien tal-merkanzija*

50. Il-ħelsien tal-merkanzija ma jistax isir ħlief wara l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali.

51. L-Artikolu 73 tal-Kodiċi Doganali jawtorizza lill-awtoritajiet doganali jagħtu l-ħelsien tal-merkanzija meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet għat-tpoġġija taħt il-proċedura mitluba. L-istess idea tinsab ukoll fid-definizzjoni tal-ħelsien tal-merkanzija, mogħtija fil-punt 20 tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi Doganali, li jistabbilixxi li huwa l-att li bih l-awtoritajiet doganali jagħmlu l-merkanzija disponibbli għall-iskopijiet stipulati mill-proċedura doganali li taħtha tkun tpoġġiet.

13 — *Ibidem* (punti 36 u 39).

14 — Iċċitata iktar 'il fuq (punt 45).

52. Din l-analiżi hija konformi mas-setgħat tal-awtoritajiet doganali għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni u l-għoti tal-ħelsien tal-merkanzija. Għalkemm ma jistgħux jirrifjutaw li jaċċettaw id-dikjarazzjoni ħlief għal *nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet formali* stabbiliti fl-Artikolu 62 tal-Kodiċi Doganali[15], l-awtoritajiet doganali jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-ħelsien tal-merkanzija fil-każijiet kollha fejn il-kundizzjonijiet fundamentali għat-tpoġġija taħt proċedura partikolari ma jkunux għadhom ġew sodisfatti.

53. L-awtoritajiet doganali jistgħu, pereżempju, jużaw iż-żmien bejn l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni u l-għoti tal-ħelsien sabiex jitolbu l-kostituzzjoni ta' garanzija jew, jekk ikun il-każ, iż-żieda ta' garanzija li tkun diġà ġiet stabbilita. Fin-nuqqas li dawn il-kundizzjonijiet jiġu sodisfatti, il-ħelsien jista' jiġi rrifjutat.

54. Ir-rwol essenzjali tal-ħelsien tal-merkanzija bħala punt tat-tluq tal-proċedura doganali, joħroġ ukoll, fil-każ tat-tranżitu, mill-fatt illi r-responsabbiltà tal-garanzija tinħoloq fil-mument tal-għoti tal-ħelsien minħabba t-tranżitu kopert mill-garanzija.

55. Konsegwentement, bħall-Kummissjoni, inqis illi l-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma kinitx taqa' taħt il-proċedura tat-tranżitu Komunitarju estern, ħlief mill-mument meta tal-ħelsien tagħha, fis-7 ta' Novembru 2007.

56. Qabel ma nikkonkludi, nixtieq nerġa' nirreferi għall-kawża D. Wandel, iċċitata iktar 'il fuq.

57. Din il-kawża kienet tikkonċerna d-dikjarazzjoni ta' merkanzija mhux Komunitarja għat-tpoġġija tagħha f'ċirkolazzjoni libera. Fis-sentenza D. Wandel[16], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat illi din tal-aħħar ma tiksibx l-istatus ta' merkanzija Komunitarja ħlief mill-mument meta jkunu ġew applikati l-miżuri ta' politika kummerċjali, meta l-formalitajiet l-oħra kollha previsti għall-importazzjoni tal-merkanzija jkunu ġew eżegwiti u meta d-dazji fuq l-importazzjoni li huma legalment dovuti jkunu ġew mhux biss applikati iżda wkoll imħallsa jew iggarantiti.

58. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat suċċessivament[17] illi jekk mhux ikkontestat illi s-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni doganali u l-aċċettazzjoni immedjata ta' din tal-aħħar, skont l-Artikoli 59(1) u 63 tal-Kodiċi Doganali, jagħmlu parti mill-formalitajiet imsemmija iktar 'il fuq, għandu titqies wkoll, bħala formalità ta' dan it-tip, l-eżekuzzjoni ta' miżuri stabbiliti fl-Artikolu 68 tal-Kodiċi Doganali, li tikkonferixxi lill-awtoritajiet doganali d-dritt li jipproċedu, biex jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet aċċettati, b'mod partikolari, għall-eżami tal-merkanzija, kif ukoll, potenzjalment għat-teħid ta' kampjuni bl-għan li dawn jiġu analizzati jew ta' kontroll fil-fond.

59. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkonkludiet[18] li peress li l-għan tat-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera huwa, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tal-Kodiċi Doganali, li jiġi kkonferit lill-merkanzija mhux Komunitarja, l-istatus ta' merkanzija Komunitarja, l-għoti tal-ħelsien tal-merkanzija, iddefinit fil-punt 20 tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi Doganali, għandu jitqies li jikkostitwixxi waħda mill-formalitajiet rikjesti għat-tpoġġija f'ċirkolazzjoni libera regolari tal-merkanzija importata.

60. Inqis illi r-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja jista' jiġi traspost *mutatis mutandis* għall-kawża preżenti, li tikkonċerna l-proċedura tat-tranżitu Komunitarju estern: il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali u l-aċċettazzjoni immedjata ta' din tal-aħħar, skont l-Artikoli 59(1) u 63 tal-Kodiċi Doganali, ma hemmx dubju li jagħmlu parti mill-formalitajiet rikjesti bl-għan tat-tpoġġija tal-merkanzija taħt

15 — Ara wkoll l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Doganali għal dak li għandu x'jaqsam mad-dikjarazzjonijiet doganali magħmula permezz tat-teknika tal-ipproċessar tad-data.

16 — Iċċitata iktar 'il fuq (punt 36).

17 — *Ibidem* (punt 37).

18 — *Ibidem* (punt 38).

il-proċedura doganali tat-tranżitu Komunitraju estern inkwantu l-applikazzjoni tal-imsemmija proċedura hija suġġetta għall-imsemmija formalitajiet. Madankollu, peress li din il-proċedura doganali ma tapplikax biss permezz tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni. L-applikazzjoni tal-proċedura doganali inkwistjoni; tippresupponi, barra minn hekk, l-għoti tal-ħelsien mill-awtoritajiet kompetenti.

61. Fil-fatt, il-merkanzija li hija ppreżentata fid-dwana u li tkun maħsuba għat-tpoġġija taħt proċedura doganali, għandha tkun is-suġġett ta' dikjarazzjoni doganali għal din il-proċedura doganali, li tirriżulta minn żewġ atti distinti iżda marbuta [19].

62. Fl-ewwel lok, l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni, huwa att ta' natura awtomatika, peress illi d-dikjarazzjoni — li normalment issir b'mod elettroniku — tiġi aċċettata, sakemm tkun kompleta u tkun tiġbor fiha l-informazzjoni kollha rikjesta.

63. Fit-tieni lok, ladarba tiġi kkompletata l-fażi tal-aċċettazzjoni, l-għoti tal-ħelsien huwa att li bis-saħħa tiegħu l-awtoritajiet doganali jibbenefikaw minn marġni iktar wiesa' ta' diskrezzjoni. Fil-fatt, l-aċċettazzjoni tfisser illi l-awtoritajiet doganali issa għandhom f'idejhom l-informazzjoni bażika meħtieġa biex jipproċedu, jekk ikun il-każ, għall-verifiki meħtieġa u biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet speċifiċi, jekk neċessarji, biex jingħata l-ħelsien.

V – Konklużjoni

64. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden kif ġej:

Il-merkanzija mhux Komunitarja, li għandha l-istatus ta' "ħażna temporanja" u li tiġi ddikjarata bl-għan li titqiegħed taħt il-proċedura doganali tat-tranżitu Komunitarju estern, tikseb trattament jew użu approvat mid-dwana fis-sens tal-Artikolu 50 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, tal-20 ta' Novembru 2006, ladarba d-dikjarazzjoni tiġi aċċettata u l-ħelsien jingħata.

19 — Ara l-Artikoli 50 u 59 tal-Kodiċi Doganali.